| **Żejt tal-Argan mill-*Argania spinosa*** | **Deskrizzjoni/Definizzjoni:**<br>Iż-żejt tal-argan jinkiseb permezz tal-ippressar kiesaħ tal-qlub tal-frott tal-*Argania spinosa* (L.) Skeels, li jixbħu l-lewż. Il-qlub jistgħu jinħmew qabel ma jiġu ppressati, iżda mingħajr ma jkollhom kuntatt dirett mal-fjamma.<br>**Kompożizzjoni:**<br>Aċidu palmitiku (C16:0): 12-15 %<br>Aċidu steariku (C18:0): 5-7 %<br>Aċidu olejku (C18:1): 43-50 %<br>Aċidu linolejku (C18:2): 29-36 %<br>Materja insaponifikabbli: 0,3-2 %<br>Ammont totali ta' steroli: 100-500 mg/100 g<br>Tokoferoli totali: 16-90 mg/100 g<br>Aċidità oleika: 0,2-1,5 %<br>Valur tal-perossidu (PV): < 10 meq $O_2$/kg |
| **Oleorežina li fiha ħafna astaksantina mill-algi *Haematococcus pluvialis*** | **Deskrizzjoni/Definizzjoni:**<br>Astaksantina hija karotenojde li tiġi prodotta mill-algi *Haematococcus pluvialis*. Il-metodi tal-produzzjoni għat-tkabbir tal-algi jvarjaw; jistgħu jintużaw jew sistemi magħluqin esposti għad-dawl tax-xemx; jew għal dawl artifiċjali kkontrollat b'mod strett, inkella jistgħu jintużaw vaski miftuħin. Iċ-ċelloli tal-algi jinħasdu u jitnixxfu; l-oleoraża tiġi estratta bl-użu ta' $CO_2$ superkritiku jew bl-użu ta' solvent (aċetat etiliku). Astaksantina tiġi dilwita u standardizzata għal 2,5 %, 5,0 %, 7,0 %, 10 %, 15 % jew 20 % bl-użu taż-żejt taż-żebbuġa, żejt tal-għosfor, żejt tal-ġirasol jew bl-użu ta' trigliċeridi b'katina medja (MCT).<br>**Il-kompożizzjoni tal-Oleoraża:**<br>Xaħam: 42,2- 99 %<br>Proteina: 0,3-4,4 %<br>Karboidrat: 0-52,8 %<br>Fibra: < 1,0 %<br>Rmied: 0,0-4,2 %<br>Speċifikazzjoni tal-Karotenojdi w/w%<br>Astaksantini totali: 2,9-11,1 % |

▼M9

| Ikel Ġdid Awtorizzat | Speċifikazzjonijiet |
|---|---|
| | 9-ċis-astaksantina: 0,3-17,3 %<br>13-ċis-astaksantina: 0,2-7,0 %<br>Monoesteri tal-astaksantina: 79,8-91,5 %<br>Diesteri tal-astaksantina: 0,16-19,0 %<br>B-Karotina: 0,01-0,3 %<br>Lutejna: 0-1,8 %<br>Kantaksantina: 0-1,30 %<br>**Kriterji mikrobijoloġiċi:**<br>Batterji aerobiċi totali: < 3 000 CFU/g<br>Ħmira u Moffa: < 100 CFU/g<br>Koliformi: < 10 CFU/g<br>*E. coli*: Negattiv<br>*Salmonella*: Negattiv<br>*Staphylococcus*: Negattiv |
| **Żerriegħa tal-ħabaq (*Ocimum basilicum*)** | **Deskrizzjoni/Definizzjoni:**<br>Il-ħabaq (*Ocimum basilicum* L.) jappartjeni għall-familja "*Lamiaceae*" fl-ordni "Lamiales". Wara l-ħsad, iż-żrieragħ jitnaddfu b'mod mekkaniku. Il-fjuri, il-weraq u l-partijiet l-oħra tal-pjanta jitneħħew. L-ogħla livell ta' purità taż-żerriegħa tal-ħabaq irid jiġi żgurat permezz tal-iffiltrar (ottiku, mekkaniku). Il-proċess tal-produzzjoni ta' xarbiet tal-meraq tal-frott u ta' taħlitiet ta' meraq tal-frott u tal-ħaxix li fihom iż-żerriegħa tal-ħabaq (*Ocimum basilicum* L.) jinvolvi l-idratazzjoni minn qabel u l-pasturizzazzjoni taż-żerriegħa. Hemm fis-seħħ kontrolli mikrobijoloġiċi u sistemi ta' monitoraġġ.<br>Materja Niexfa: 94,1 %<br>Proteina: 20,7 %<br>Xaħam: 24,4 %<br>Karboidrat: 1,7 %<br>Fibra: 40,5 % (Metodu: AOAC 958.29)<br>Rmied: 6,78 % |
| **Estratt iffermentat tal-fażola sewda** | **Deskrizzjoni/Definizzjoni:**<br>L-estratt tal-fażola sewda ffermentata (estratt Touchi) huwa trab fin kannella ċar li fih ħafna proteina u jinkiseb bl-estrazzjoni tal-ilma minn fażola tas-sojja żgħira (*Glycine max (L.) Merr.*) iffermentata bl-*Aspergillus oryzae*. L-estratt fih inibitur α-glukosidaži.<br>**Karatteristiċi:**<br>Xaħam: ≤ 1,0 % |

▼M9

| Ikel Ġdid Awtorizzat | Speċifikazzjonijiet |
|---|---|
| | Proteina: ≥ 55 %<br>Ilma: ≤ 7,0 %<br>Rmied: ≤ 10 %<br>Karboidrat: ≥ 20 %<br>Attività inibitorja tal-α-glukosidaży: IC50 minimu 0,025 mg/ml<br>Isoflavun tas-sojja: ≥ 0,3 g/100 g |
| **Lattoferrina bovina** | **Deskrizzjoni/Definizzjoni:**<br>Il-lattoferrina bovina hija proteina li tokkorri b'mod naturali fil-ħalib tal-baqar. Din hija glikoproteina ferroleganti, ta' madwar 77 kDa, u tikkonsisti minn katina waħda ta' polipeptidi ta' 689 aċidu amminiku.<br>Il-proċess tal-produzzjoni: Il-lattoferrina bovina tiġi iżolata mill-ħalib xkumat jew mill-ġobon moxx permezz ta' skambju joniku u stadji sussegwenti ta' ultrafiltrazzjoni. Fl-aħħar nett din titnixxef jew b'mod lijofilizzat jew b'atomizzazzjoni u l-partikoli kbar jintgħarblu. Dan huwa trab fir-roża ċar prattikament bla riħa.<br>**Il-proprjetajiet fiżikokimiċi tal-lattoferrina bovina:**<br>Ndewwa: < 4,5 %<br>Rmied: < 1,5 %<br>Arseniku: < 2,0 mg/kg<br>Ħadid: < 350 mg/kg<br>Proteina: > 93 %<br>li minnhom il-lattoferrina bovina: > 95 %<br>li minnhom proteini oħrajn: < 5,0 %<br>pH (2 % ta' soluzzjoni, 20 °C): 5,2-7,2<br>Solubbiltà (2 % ta' soluzzjoni, 20 °C): sħiħa |

▼M16

| | |
|---|---|
| **Iżolat tal-proteini bażiċi tax-xorrox tal-ħalib bovin** | **Deskrizzjoni**<br>L-iżolat tal-proteini bażiċi tax-xorrox tal-ħalib bovin huwa trab griż fl-isfar miksub minn ħalib xkumat tal-baqar permezz ta' serje ta' stadji ta' iżolament u purifikazzjoni.<br>**Karatteristiċi/Kompożizzjoni**<br>Total ta' proteini (w/il-piż tal-prodott): ≥ 90 %<br>Lattoferrina (w/il-piż tal-prodott): 25-75 %<br>Lattoperossidaży (w/il-piż tal-prodott): 10-40 %<br>Proteini oħra (w/il-piż tal-prodott): ≤ 30 % |

▼M16

| Ikel Ġdid Awtorizzat | Speċifikazzjonijiet |
|---|---|
| | TGF-β2: 12-18 mg/100 g<br>Indewwa: ≤ 6,0 %<br>pH (soluzzjoni ta' 5 % w/v): 5,5 – 7,6<br>Lattożju: ≤ 3,0 %<br>Xaħam: ≤ 4,5 %<br>Irmied: ≤ 3,5 %<br>Ħadid: ≤ 25 mg/100 g<br>**Metalli Tqal**<br>Ċomb: < 0,1 mg/kg<br>Kadmju: < 0,2 mg/kg<br>Merkurju: < 0,6 mg/kg<br>Arseniku: < 0,1 mg/kg<br>**Kriterji mikrobijoloġiċi:**<br>L-għadd tal-mežofiliċi aerobiċi: ≤ 10 000 CFU/g<br>*Enterobacteriaceae*: ≤ 10 CFU/g<br>*Escherichia coli*: Negattiv/g<br>*Staphylococci* koagulaži pożittivi: Negattiv/g<br>*Salmonella*: Negattiv/25 g<br>*Listeria*: Negattiv/25 g<br>*Cronobacter* spp.: Negattiv/25 g<br>Mofof: ≤ 50 CFU/g<br>Ħmejjer: ≤ 50 CFU/g<br>CFU: Unitajiet li Jiffurmaw il-Kolonji |

▼M9

| | |
|---|---|
| ***Żejt taż-żerriegħa tal-Buglossoides arvensis*** | **Deskrizzjoni/Definizzjoni:**<br>Iż-żejt raffinat tal-Buglossoides huwa estratt miż-żerriegħa tal-*Buglossoides arvensis* (L) I.M.Johnst<br>Aċidu alfa-linoleniku: ≥ 35 % w/w tat-total ta' aċidi xaħmin<br>Aċidu stearidoniku: ≥ 15 % w/w tat-total ta' aċidi xaħmin<br>Aċidu linoleiku: ≥ 8,0 % w/w tat-total ta' aċidi xaħmin<br>Aċidi xaħmin trans: ≤ 2,0 % tat-total ta' aċidi xaħmin |

▼M9

| Ikel Ġdid Awtorizzat | Speċifikazzjonijiet |
|---|---|
| | Valur aċiduż: ≤ 0,6 mg KOH/g<br>Valur tal-perossidu (PV): ≤ 5,0 meq $O_2$/kg<br>Kontenut insaponifikabbli: ≤ 2,0 %<br>Kontenut ta' proteini (total ta' nitroġenu): ≤ 10 µg/ml<br>Alkalojdi pirroliżidiniċi: Mhux traċċabbli b'limitu ta' detezzjoni ta' 4,0 µg/kg |
| ***Żejt tal-Calanus finmarchicus*** | **Deskrizzjoni/Definizzjoni:**<br>Dan l-ikel ġdid lewn ir-rubini, huwa żejt kemxejn viskuż b'riħa ħafifa ta' frott tal-baħar, li jiġi estratt mill-krustaċju (żooplankton marin) *Calanus finmarchicus*. L-ingredjent jikkonsisti primarjament minn esteri tax-xama' (> 85 %) b'am monti żgħar ta' trigliċeridi u lipidi newtrali oħrajn.<br>**Speċifikazzjonijiet:**<br>Ilma: < 1,0 %<br>Esteri tax-xama': > 85 %<br>Total ta' aċidi xaħmin: > 46 %<br>Aċidu ejkosapentenojku (EPA): > 3,0 %<br>Aċidu dokosaeżaenojku (DHA): > 4,0 %<br>Total ta' alkoħol xaħmi: > 28 %<br>C20:1 n-9 alcoħol xaħmi: > 9,0 %<br>C22:1 n-11 alcoħol xaħmi: > 12 %<br>Aċidi xaħmin trans: < 1,0 %<br>Esteri tal-astaksantina: < 0,1 %<br>Valur tal-perossidu (PV): < 3,0 meq. $O_2$/kg |
| **Baži taċ-ċuwingamm (glikol tal-monometossipolietilen)** | **Deskrizzjoni/Definizzjoni:**<br>L-ingredjent ġdid tal-ikel huwa polimeru sintetiku (In-numru tal-privattiva WO2006016179). Jikkonsisti f'polimeri bi friegħi ta' glikol tal-monometossipolietilen (MPEG) ittrapjantanti fuq poliisopren-graft-anidrid malejku (PIG-g-MA), u ta' MPEG li ma jkunx irreaġixxa (inqas minn 35 % skont il-piż).<br>Lewn abjad għal abjad miksur.<br>Nru CAS: 1246080-53-4<br>**Karatteristiċi:**<br>Ndewwa: < 5,0 % |

▼M9

| Ikel Ġdid Awtorizzat | Speċifikazzjonijiet |
|---|---|
| | Aluminju: < 3,0 mg/kg<br>Litju: < 0,5 mg/kg<br>Nikil: < 0,5 mg/kg<br>Anidride residwu: < 15 µmol/g<br>Indiċi tal-polidispersità: < 1,4<br>Isoprin: < 0,05 mg/kg<br>Ossidu tal-etilen: < 0,2 mg/kg<br>Anidride malejka ħielsa: < 0,1 %<br>Total ta' oligomeri (inqas minn 1 000 Dalton): ≤ 50 mg/kg<br>Glikol tal-etilen: < 200 mg/kg<br>Glikol tad-dietilen: < 30 mg/kg<br>Monoetilen glikol metil etere: < 3,0 mg/kg<br>Dietilen glikol metil etere: < 4,0 mg/kg<br>Trietilen glikol-metil-etere: < 7,0 mg/kg<br>1,4-Dijoksan: < 2,0 mg/kg<br>Formaldeid: < 10 mg/kg |
| **Bażi taċ-ċuwingamm (Kopolimeru tal-metil-vinil-etere u tal-anidride malejka)** | **Deskrizzjoni/Definizzjoni:**<br>Il-kopolimeru tal-metil-vinil-etere u tal-anidride malejka huwa kopolimeru anidru tal-metil-vinil-etere u tal-anidride malejka.<br>Trab ġieri, abjad jagħti fl-abjad miksur<br>Nru CAS: 9011-16-9<br>**Purità:**<br>Valur tal-assaġġ: Mill-inqas 99,5 % f'materja niexfa<br>Viskożità speċifika (1 % ta' MEK): 2-10<br>Residwu tal-metil-vinil-etere: ≤ 150 ppm<br>Residwu tal-anidride malejka: ≤ 250 ppm<br>Aċetaldeid: ≤ 500 ppm<br>Metanol: ≤ 500 ppm<br>Perossidu dilawrojl: ≤ 15 ppm<br>Ammont totali ta' metalli tqal: ≤ 10 ppm |

▼M9

| Ikel Ġdid Awtorizzat | Speċifikazzjonijiet |
|---|---|
| | **Kriterji mikrobijoloġiċi:**<br>Għadd totali tal-kolonji aerobiċi: ≤ 500 CFU/g<br>Moffa/ħmira: ≤ 500 CFU/g<br>*Escherichia coli*: Negattiv fit-test<br>*Salmonella*: Negattiv fit-test<br>*Staphylococcus aureus:* Negattiv fit-test<br>*Pseudomonas aeruginosa*: Negattiv fit-test |
| **Żejt taċ-chia mis-*Salvia hispanica*** | **Deskrizzjoni/Definizzjoni:**<br>Iż-żejt taċ-chia jiġi prodott miż-żerriegħa taċ-chia (*Salvia hispanica* L.) (99,9 % pura) permezz tat-tagħsir kiesaħ. Ma jintużawx solventi u, ladarba jiġi magħsur, iż-żejt jinżamm f'tankijiet ta' dikantazzjoni u jsirlu proċess ta' filtrazzjoni biex jitneħħew l-impuritajiet. Jista' jiġi prodott ukoll permezz tal-estrazzjoni bis-$CO_2$ superkritiku.<br>**Il-proċess tal-produzzjoni:**<br>Prodott permezz tat-tagħsir kiesaħ. Ma jintużawx solventi u, ladarba jiġi magħsur, iż-żejt jinżamm f'tankijiet ta' dikantazzjoni u jsirlu proċess ta' filtrazzjoni biex jitneħħew l-impuritajiet.<br>Aċidità espressa bħala aċidu olejku: ≤ 2,0 %<br>Valur tal-perossidu (PV): ≤ 10 meq/kg<br>Impuritajiet insolubbli: ≤ 0,05 %<br>Aċidu alfa-linoleniku: ≥ 60 %<br>Aċidu linoleiku: 15-20 % |
| **Żerriegħa taċ-chia (*Salvia hispanica*)** | **Deskrizzjoni/Definizzjoni:**<br>Iċ-Chia (*Salvia hispanica* L.) hija pjanta sajfija erbaċea annwali li tappartjeni għall-familja tal-*Labiatae*. Wara l-ħsad, iż-żrieragħ jitnaddfu b'mod mekkaniku. Il-fjuri, il-weraq u l-partijiet l-oħra tal-pjanta jitneħħew.<br>Materja niexfa: 90-97 %<br>Proteina: 15-26 %<br>Xaħam: 18-39 %<br>Karboidrat (*): 18-43 %<br>Fibra Mhux Raffinata (**): 18-43 %<br>Rmied: 3-7 %<br>(*) Il-karboidrati jinkludu l-valur tal-fibra<br>(**) Il-fibra mhux raffinata hija dik il-parti tal-fibra li tkun magħmula prinċipalment minn ċellulosa, pentosani u linjin, li mhumiex diġeribbli |

▼M9

| Ikel Ġdid Awtorizzat | Speċifikazzjonijiet |
|---|---|
| | **Il-proċess tal-produzzjoni:**<br>Il-proċess tal-produzzjoni tal-meraq tal-frott u ta' taħlitiet ta' meraq tal-frott li fihom iż-żerriegħa taċ-Chia jinvolvi l-idratazzjoni minn qabel u l-pasturizzazzjoni taż-żerriegħa. Hemm fis-seħħ kontrolli mikrobijoloġiċi u sistemi ta' monitoraġġ. |
| **Kompost ta' kitina-glukan mill-*Aspergillus niger*** | **Deskrizzjoni/Definizzjoni:**<br>Il-kitina-glukan tinkiseb mill-miċelju tal-*Aspergillus niger*; dan huwa trab ġieri, bla riħa, ta' lewn kemxejn safrani. Għandu kontenut ta' materja niexfa ta' 90 % jew aktar.<br>Il-kitin-glukan huwa fil-biċċa l-kbira magħmul minn żewġ polisakkaridi:<br>— il-kitin, magħmul minn unitajiet imtennija ta' N-aċetil-D-glukożammina (Nru CAS: 1398-61-4),<br>— il-beta (1, 3)-glukan, magħmul minn unitajiet imtennija ta' D-glukożju (Nru CAS: 9041-22-9).<br>Telf mat-tnixxif: ≤ 10 %<br>Kitin-glukan: ≥ 90 %<br>Proporzjon ta' kitin għal glukan: 30:70 sa 60:40<br>Rmied: ≤ 3,0 %<br>Lipidi: ≤ 1,0 %<br>Proteini: ≤ 6,0 % |
| **Kompost ta' kitina-glukan mill-*Fomes fomentarius*** | **Deskrizzjoni/Definizzjoni:**<br>Il-kompost tal-kitin-glukan jinkiseb mill-ħitan taċ-ċelloli tal-frott tal-faqqiegħ *Fomes fomentarius*. Dan huwa magħmul primarjament minn żewġ polisakkaridi:<br>— il-Kitin, magħmul minn unitajiet imtennija ta' N-aċetil-D-glukożammina (Nru CAS: 1398-61-4);<br>— Il-beta-(1,3)(1,6)-D-glukan, magħmul minn unitajiet imtennija ta' D-glukożju (Nru CAS: 9041-22-9).<br>Il-proċess tal-produzzjoni fih bosta passi, fosthom: it-tindif, it-tnaqqis tad-daqs u t-tħin, it-trattib fl-ilma, u t-tisħin f'soluzzjoni alkalina, il-ħasil u t-tnixxif. Ma ssirx idroliżi waqt il-proċess tal-produzzjoni.<br>Dehra: Trab kannella bla riħa u bla togħma<br>**Purità:**<br>Ndewwa: ≤ 15 %<br>Rmied: ≤ 3,0 %<br>Kitin-glukan: ≥ 90 %<br>Proporzjon ta' kitin għal glukan: 70:20<br>It-total ta' karboidrati, minbarra l-glukani: ≤ 0,1 % |

▼M9

| Ikel Ġdid Awtorizzat | Speċifikazzjonijiet |
|---|---|
| | Proteini: ≤ 2,0 %<br>Lipidi: ≤ 1,0 %<br>Melanini: ≤ 8,3 %<br>Addittivi: Xejn<br>pH: 6,7-7,5<br>**Metalli tqal:**<br>Ċomb (ppm): ≤ 1,00<br>Kadmju (ppm): ≤ 1,00<br>Merkurju (ppm): ≤ 0,03<br>Arseniku (ppm): ≤ 0,20<br>**Kriterji mikrobijoloġiċi:**<br>Total ta' batterji mežofili: ≤ $10^3$/g<br>Ħmira u moffa: ≤ $10^3$/g<br>Koliformi fi 30 °C: ≤ $10^3$/g<br>*E. coli*: ≤ 10/g<br>*Salmonella* u batterji patoġeniċi oħrajn: Assenti f'25 g |
| **Estratt ta' kitosan mill-faqqiegħ (*Agaricus bisporus*; *Aspergillus niger*)** | **Deskrizzjoni/Definizzjoni:**<br>L-estratt ta' kitosan (li fih primarjament il-poli(D-glukożammina)) jinkiseb miz-zkuk tal-*Agaricus bisporus* jew mill-miċelju tal-*Aspergillus niger*.<br>Il-proċess tal-produzzjoni bbrevettat fih bosta passi, fosthom: l-estrazzjoni u d-deaċetilazzjoni (l-idroliżi) f'medium alkalin, is-solubilizzazzjoni f'medium aċiduż, il-preċipitazzjoni f'medium alkalin, il-ħasil u t-tnixxif.<br>Sinonimu: Poli(D-glukożammina)<br>Numru CAS tal-kitosan: 9012-76-4<br>Formula tal-kitosan: $(C_6H_{11}NO_4)_n$<br>Dehra: trab fin ġieri<br>Aspett: Abjad miksur jagħti kemxejn fil-kannella<br>Riħa: Mingħajr riħa<br>**Purità:**<br>Kontenut tal-kitosan (% w/w skont il-piż niexef):≥ 85<br>Kontenut tal-glukan (% w/w skont il-piż niexef): ≤ 15<br>Telf fit-tnixxif (% w/w skont il-piż niexef): ≤ 10<br>Viskożità (1 % f'1 % ta' aċidu aċetiku): 1-15 |

▼M9

| Ikel Ġdid Awtorizzat | Speċifikazzjonijiet |
|---|---|
| | Grad ta' aċetilizzazzjoni (fil-% mol skont il-piż imxarrab): 0-30<br>Viskożità (1 % f'1 % ta' aċidu aċetiku) (mPa.s): 1-14 għall-kitosan mill-Aspergillus niger; 12-25 għall-kitin mill-*Agaricus bisporus*<br>Rmied (% w/w skont il-piż niexef): ≤ 3,0<br>Proteini (% w/w skont il-piż niexef): ≤ 2,0<br>Id-daqs tal-partikoli: > 100 nm<br>Densità wara t-taptip ($g/cm^3$): 0,7-1,0<br>Kapaċità li jintrabat max-xaħam 800x 9 (w/w skont il-piż imxarrab): mogħdija<br>**Metalli tqal:**<br>Merkurju (ppm): ≤ 0,1<br>Ċomb (ppm): ≤ 1,0<br>Arseniku (ppm): ≤ 1,0<br>Kadmju (ppm): ≤ 0,5<br>**Kriterji mikrobijoloġiċi:**<br>Għadd aerobiku (CFU/g): ≤ $10^3$<br>Għadd ta' ħmira u moffa (CFU/g): ≤ $10^3$<br>*Escherichia coli* (CFU/g): ≤ 10<br>Enterobacteriaceae (CFU/g): ≤ 10<br>*Salmonella*: Assenti f'25 g<br>*Listeria monocytogenes*: Assenti f'25 g |
| **Sulfat tal-kondrojtina** | **Deskrizzjoni/Definizzjoni:**<br>Sulfat tal-kondrojtina (melħ tas-sodju) huwa prodott bijosintetiku. Jinkiseb permezz tas-sulfazzjoni kimika tal-kondrojtina miksuba mill-fermentazzjoni bil-batterju *Escherichia coli* O5:K4:H4 tar-razza U1-41 (ATCC 23502).<br>Sulfat tal-kondrojtina (melħ tas-sodju) (% bażi niexfa): 95-105<br>MWw (medja tal-piż) (kDa): 5-12<br>MWn (medja tal-għadd) (kDa): 4-11<br>Tixrid ($w_h/w_{0,05}$): ≤ 0,7<br>Mudell tas-sulfazzjoni (ΔDi-6S) (%): ≤ 85<br>Telf fit-tnixxif (%) (105 °C għal piż kostanti): ≤ 10,0<br>Residwu mat-tqabbid (% bażi niexfa): 20-30<br>Proteina (% bażi niexfa): ≤ 0,5<br>Endotossini (EU/mg): ≤ 100<br>Total ta' impuritajiet organiċi (mg/kg): ≤ 50 |

▼M9

| Ikel Ġdid Awtorizzat | Speċifikazzjonijiet |
|---|---|
| **Pikolinat tal-Kromju** | **Deskrizzjoni/Definizzjoni:**<br>Il-pikolinat tal-kromju huwa trab ġieri b'kulur li jagħti fl-aħmar, jitħallat kemxejn f'ilma ta' pH 7. Il-melħ jitħallat ukoll fis-solventi organiċi polari.<br>Isem kimiku: tris(2piridinakarbossilato-N,O)kromju(III) jew aċidu 2-piridinakarbossiliku, melħ tal-kromju(III)<br>Nru CAS: 14639-25-9<br>Formula kimika: $Cr(C_6H_4NO_2)_3$<br>Karatteristiċi kimiċi:<br>Pikolinat tal-Kromju: ≥ 95 %<br>Kromju (III): 12-13 %<br>Kromju (VI): mhux rilevat<br>Ilma: ≤ 4,0 % |
| **Ħaxixa aromatika *Cistus incanus* L. Pandalis** | **Deskrizzjoni:**<br>Ħaxixa aromatika *Cistus incanus* L. Pandalis; speċi tal-familja *Cistaceae* nattiva tal-Penisola Chalkidiki fir-reġjun tal-Mediterran.<br>**Kompożizzjoni:**<br>Ndewwa: 9-10 g/100 g ħaxix aromatizzanti<br>Proteina: 6,1 g/100 g ħaxix aromatizzanti<br>Xaħam: 1,6 g/100 g ħaxix aromatizzanti<br>Karboidrati: 50,1 g/100 g ħaxix aromatizzanti<br>Fibra: 27,1 g/100 g ħaxix aromatizzanti<br>Minerali: 4,4 g/100 g ħaxix aromatizzanti<br>Sodju: 0,18 g<br>Potassju: 0,75 g<br>Manjeżju: 0,24 g<br>Kalċju: 1,0 g<br>Ħadid: 65 mg<br>Vitamina $B_1$: 3,0 µg<br>Vitamina $B_2$: 30 µg<br>Vitamina $B_6$: 54 µg<br>Vitamina Ċ: 28 mg<br>Vitamina A: inqas minn 0,1 mg<br>Vitamina E: 40–50 mg |

▼M9

| Ikel Ġdid Awtorizzat | Speċifikazzjonijiet |
|---|---|
| | Tokoferol tat-tip alfa: 20–50 mg<br>Tokoferoli tat-tipi beta u gamma: 2-15 mg<br>Tokoferol tat-tip delta: 0,1-2 mg |
| **Ċitikolina** | **Deskrizzjoni/Definizzjoni:**<br>Il-ċitikolina hija prodotta permezz ta' proċess mikrobjali.<br>Il-ċitikolina hija magħmula miċ-ċitożina, mir-ribożju, mill-pirofosfat u mill-kolina.<br>Trab kristallin abjad<br>Isem kimiku: Kolina ċitidina 5′-pirofosfat, ċitidina 5′-(difosfat tat-triidroġenu) P'-[2-(trimetilammonju)etil]ester melħ intern<br>Formula kimika: $C_{14}H_{26}N_4O_{11}P_2$<br>Piż molekulari: 488,32 g/mol<br>Nru CAS: 987-78-0<br>pH (soluzzjoni tal-kampjun ta' 1 %): 2,5-3,5<br>**Purità:**<br>Valur tal-assaġġ: ≥ 98 % ta' materja niexfa<br>Telf fit-tnixxif (100 °C għal 4 sigħat): ≤ 5,0 %<br>Ammonju: ≤ 0,05 %<br>Arseniku: Mhux aktar minn 2 ppm<br>Aċidi fosforiċi liberi: ≤ 0,1 %<br>Aċidu 5′-ċitidiliku: ≤ 1,0 %<br>**Kriterji mikrobijoloġiċi:**<br>Għadd totali tal-kolonji: ≤ $10^3$ CFU/g<br>Ħmira u moffa: ≤ $10^2$ CFU/g<br>*Escherichia coli*: Assenti f'1 g |
| ***Clostridium butyricum*** | **Deskrizzjoni/Definizzjoni:**<br>*Clostridium butyricum* (CBM 588) huwa batterju gram-pożittiv, jifforma l-ispori, anerobiku obbligat, mhuwiex patoġeniku u mhuwiex ġenetikament immodifikat. Numru tad-depożitu FERM BP-2789 |

▼M9

| Ikel Ġdid Awtorizzat | Speċifikazzjonijiet |
|---|---|
| | **Kriterji mikrobijoloġiċi:**<br>Għadd totali tal-batterji aerobiċi vijabbli: ≤ $10^3$ CFU/g<br>*Escherichia coli*: Mhux traċċat f'1 g<br>*Staphylococcus aureus*: Mhux traċċat f'1 g<br>*Pseudomonas aeruginosa*: Mhux traċċat f'1 g<br>Ħmira u moffa: ≤ $10^2$ CFU/g |
| **Estratt tat-trab tal-kawkaw bix-xaħam imneħħi** | Estratt tal-Kawkaw (*Theobroma cacao* L.)<br>Dehra: Trab kannella skur mingħajr impuritajiet viżibbli<br>Proprjetajiet fiżiċi u kimiċi:<br>Kontenut tal-polifenoli: Minimu ta' 55,0 % GAE<br>Kontenut tat-teobromina: Massimu ta' 10,0 %<br>Kontenut ta' rmied: Massimu ta' 5,0 %<br>Kontenut ta' ndewwa: Massimu ta' 8,0 %<br>Densità tal-massa: 0,40-0,55 g/$cm^3$<br>pH: 5,0-6,5<br>Solvent residwu: Massimu ta' 500 ppm |
| **Estratt tal-kawkaw b'livell baxx ta' xaħam** | Estratt tal-Kawkaw b'livell baxx ta' xaħam (*Theobroma cacao* L.)<br>Dehra: Trab aħmar skur jagħti fil-vjola<br>Estratt tal-kawkaw, konċentrat: Minimu ta' 99 %<br>Diossidu tas-siliċju (għajnuna teknoloġika): Massimu ta' 1,0 %<br>Flavanoli tal-kawkaw: Minimu ta' 300 mg/g<br>— Epikatekina: Minimu ta' 45 mg/g<br>Telf mat-tnixxif: Massimu ta' 5,0 % |
| **Żejt taż-żerriegħa tal-kosbor mill-*Coriandrum sativum*** | **Deskrizzjoni/Definizzjoni:**<br>Iż-żejt taż-żerriegħa tal-kosbor huwa żejt li fih il-gliċeridi ta' aċidi xaħmin u li huwa prodott miż-żrieragħ tax-xitla tal-kosbor *Coriandrum sativum* L.<br>Kulur isfar ħafif, togħma xejn partikolari |

▼M9

| Ikel Ġdid Awtorizzat | Speċifikazzjonijiet |
|---|---|
| | Nru CAS: 8008-52-4<br>Kompożizzjoni tal-aċidi xaħmin:<br>Aċidu palmitiku (C16:0): 2-5 %<br>Aċidu stearikuu (C18:0): < 1,5 %<br>Aċidu petroseliniku (cis-C18:1(n-12)): 60-75 %<br>Aċidu olejku (cis-C18:1 (n-9)): 8-15 %<br>Aċidu linolejku (C18:2): 12-19 %<br>Aċidu α-linoleniku (C18:3): < 1,0 %<br>Aċidi xaħmin trans: ≤ 1,0 %<br>**Purità:**<br>Indiċi refrattiv (20 °C): 1,466-1,474<br>Valur aċiduż: ≤ 2,5 mg KOH/g<br>Valur tal-perossidu (PV): ≤ 5.0 meq/kg<br>Valur tal-jodju: 88-110 unitajiet<br>Valur tas-saponifikazzjoni: 186-200 mg KOH/g<br>Materja insaponifikabbli: ≤ 15 g/kg |
| ▼M15<br>**Trab tal-estratt tal-cranberries** | **Deskrizzjoni/Definizzjoni:**<br>It-trab tal-estratt tal-cranberries huwa estratt f'għamla ta' trab li jinħall fl-ilma rikk fil-fenoli ppreparat permezz tal-estrazzjoni bl-etanol mill-konċentrat tal-meraq tal-frott matur u f'kundizzjoni tajba tal-kultivar tal-cranberry *Vaccinium macrocarpon*.<br>**Karatteristiċi/Kompożizzjoni**<br>Indewwa (% tal-piż skont il-piż): ≤ 4<br>Proantoċjanidini - PACs (% tal-piż skont il-piż xott)<br>— Metodu ([3]) ([5]) OSC-DMAC: 55,0-60,0 jew<br>— Metodu ([4]) ([5]) BL-DMAC: 15,0-18,0<br>Total tal-fenoli (GAE ([6]), % tal-piż skont il-piż xott) ([5])<br>— Metodu Folin-Ciocalteau: > 46,2<br>Solubbiltà (ilma): 100 %, mingħajr partiċelli insolubbli viżibbli |

▼M15

| Ikel Ġdid Awtorizzat | Speċifikazzjonijiet |
|---|---|
| | Kontenut tal-etanol (mg/kg): ≤ 100<br>Analiżi bit-tgħarbil: 100 % minn ta' għarbiel b'malji tal-iskala 30<br>Dehra u aroma, bħala trab: Fluwidu, b'kulur aħmar skur. Aroma terrena mingħajr karattru maħruq.<br>**Metalli tqal:**<br>Arseniku (ppm): < 3<br>**Kriterji mikrobijoloġiċi:**<br>Ħmira: < 100 CFU ([7])/g<br>Moffa: < 100 CFU/g<br>Għadd tal-kolonji aerobiċi: < 1 000 CFU/g<br>Koliformi: < 10 CFU/g<br>*Escherichia coli*: < 10 CFU/g<br>*Salmonella*: Assenti fi 375 g |
| ▼M9<br>**Frott niexef *Crataegus pinnatifida*** | **Deskrizzjoni/Definizzjoni:**<br>Frott niexef tal-ispeċi *Crataegus pinnatifida* u tal-familja *Rosaceae* nattiv fit-Tramuntana taċ-Ċina u fil-Korea.<br>**Kompożizzjoni**:<br>Materja niexfa: 80 %<br>Karboidrati: 55 g/kg piż frisk<br>Fruttożju: 26,5–29,3 g/100 g<br>Glukożju: 25,5-28,1 g/100 g<br>Vitamina Ċ: 29,1 mg/100 g piż frisk<br>Sodju: 2,9 g/100 g piż frisk<br>Il-frott ippriżervat fil-ġulepp jinkiseb permezz tal-ipproċessar termali tal-parti li tittiekel ta' speċi waħda ta' frott jew ta' diversi speċijiet ta' frott, sħaħ jew imqattgħin, imoddigħin minn passatur jew le, mingħajr konċentrazzjoni sinifikanti. Jistgħu jintużaw iz-zokkor, l-ilma, iċ-ċidru, il-ħwawar u l-meraq tal-lumi. |
| **α-ċiklodestrina** | **Deskrizzjoni/Definizzjoni:**<br>Sakkarid ċikliku li ma jirriduċix li jikkonsisti f'sitt unitajiet D-glukopiranosil marbuta b'α-1,4 prodotti bl-azzjoni taċ-ċiklodestrina glukosiltransferaži (CGTase, EC 2.4.1.19) fuq lamtu idrolizzat. L-irkupru u l-purifikazzjoni tal-α-ċiklodestrina jistgħu jsiru permezz ta' waħda minn dawn il-proċeduri li |

▼M9

| Ikel Ġdid Awtorizzat | Speċifikazzjonijiet |
|---|---|
| | ġejjin: il-preċipitazzjoni ta' kompost tal-α-ċiklodestrina b'1-dekanolu, li jinħall fl-ilma f'temperatura elevata u preċipitazzjoni mill-ġdid, l-estrazzjoni tal-kumplessant bil-fwar, u l-kristallizzazzjoni tal-α-ċiklodestrina mis-soluzzjoni; jew kromatografija bi skambju ta' joni jew permezz ta' ġel permeabbli segwit bil-kristallizzazzjoni tal-α-ċiklodestrina mil-likur matriċi ppurifikat; jew metodi ta' separazzjoni permezz ta' membrana, bħall-ultrafiltrazzjoni u l-ożmożi inversa: Deskrizzjoni: Kristallin solidu abjad jew kważi abjad li huwa prattikament mingħajr riħa.<br><br>Sinonimi: α-ċiklodestrina, α-destrina, ċikloeżaamilożju, ċiklomaltoeżaożju, α-ċikloamilaži<br><br>Isem kimiku: Ċikloeżaamilożju<br><br>Nru CAS: 10016-20-3<br><br>Formula kimika: $(C_6H_{10}O_5)_6$<br><br>Piż tal-formula: 972,85<br><br>Assaġġ: ≥ 98 % (bażi niexfa)<br><br>**Identifikazzjoni:**<br><br>Medda tat-tidwib: Jiddekomponi f'temperatura ogħla minn 278 °C<br><br>Solubbiltà: Solubbli faċilment fl-ilma; solubbli kemxejn fl-etanol<br><br>Rotazzjoni speċifika: $[\alpha]_D^{25}$: Bejn +145 ° u +151° (soluzzjoni ta' 1 %)<br><br>Kromatografija: Il-ħin ta' retenzjoni għall-ogħla livell fi kromatogramma likwida tal-kampjun jikkorrispondi ma' dak tal-α-ċiklodestrina fi kromatogramma ta' referenza ta' α-ċiklodestrina (li tista' tinkiseb mingħand *Consortium für Elektrochemische Industrie GmbH, München, Germany jew Wacker Biochem Group, Adrian, MI, USA*) bl-użu tal-kundizzjonijiet deskritti fil-METODU TAL-ASSAĠĠ<br><br>**Purità:**<br><br>Ilma: ≤ 11 % (il-Metodu Karl Fischer)<br><br>Kumplessant residwu: ≤ 20 mg/kg<br><br>(1-dekanol)<br><br>Sustanzi li jnaqqsu: ≤ 0,5 % (fl-għamla ta' glukożju)<br><br>Rmied issulfat: ≤ 0,1 %<br><br>Ċomb: ≤ 0,5 mg/kg<br><br>**Metodu tal-assaġġ:**<br><br>Iddetermina permezz tal-kromatografija likwida bil-kundizzjonijet li ġejjin:<br><br>Soluzzjoni tal-kampjun: Iżen bi preċiżjoni madwar 100 mg mill-kampjun tat-test għal ġo flask volumetriku ta' 10 ml u żid 8 ml ilma dejonizzat. Ħoll il-kampjun kompletament permezz ta' banju ultrasoniku (10 - 15-il minuta) u ddilwih sal-marka bl-ilma ppurifikat dejonizzat. Iffiltra s-soluzzjoni b'filtru ta' 0,45 ta' mikrometru |

▼M9

| Ikel Ġdid Awtorizzat | Speċifikazzjonijiet |
|---|---|
| | Soluzzjoni ta' referenza: Iżen bi preċiżjoni madwar 100 mg α-ċiklodestrina għal ġo flask volumetriku ta' 10 ml u żid 8 ml ilma dejonizzat. Ħoll il-kampjun kompletament permezz ta' banju ultrasoniku u ddilwih sal-marka bl-ilma ppurifikat dejonizzat.<br>Kromatografija: Kromatografu likwidu mgħammar b'individwatur tal-indiċi rifrattiv u b'reġistratur integranti.<br>Kolonna u ppakkjar: Nukleosil-100-$NH_2$ (10 μm) (*Macherey & Nagel Co. Düren*, il-Ġermanja) jew ħaġa oħra simili<br>Tul: 250 mm<br>Dijametru: 4 mm<br>Temperatura: 40 °C<br>Faża mobbli: aċetonitril/ilma (67/33, v/v)<br>Rata ta' tnixxija: 2,0 ml/min<br>Volum tal-injezzjoni: 10 μl<br>Proċedura: Injetta s-soluzzjoni tal-kampjun fil-kromatografu, irreġistra l-kromatogramma u kejjel l-erja tal-ogħla livell tal-α-ċiklodestrina. Ikkalkula l-perċentwal ta' α-ċiklodestrina fil-kampjun tat-test hekk kif ġej:<br>% ta' α-ċiklodestrina (bażi niexfa) = 100 × ($A_S/A_R$) ($W_R/W_S$)<br>meta<br>$A_S$ u $A_R$ huma l-erjas tal-ogħla livell ikkawżati mill-α-ċiklodestrina rispettivament għas-soluzzjoni tal-kampjun u għas-soluzzjoni ta' referenza.<br>$W_S$ u $W_R$ huma l-piżijiet (f'mg) tal-kampjun tat-test u tal-α-ċiklodestrina ta' referenza, rispettivament, wara korrezzjoni għall-kontenut tal-ilma. |
| **γ-ċiklodestrina** | **Deskrizzjoni/Definizzjoni:**<br>Sakkarid ċikliku li ma jirriduċix li jikkonsisti fi tmien unitajiet D-glukopiranosil marbuta-α-1,4 prodotti bl-azzjoni taċ-ċiklodestrina glukosiltransferaži (CGTase, EC 2.4.1.19) fuq lamtu idrolizzat. L-irkupru u l-ippurifikar ta' γ-ċiklodestrina jistgħu jitwettqu permezz tal-preċipitazzjoni ta' kumpless γ-ċiklodestrina bi 8-ċikloeżadeċen-1-one, id-dissoluzzjoni tal-kumpless bl-ilma u n-dekan, estrazzjoni permezz ta' fluss ta' fwar tal-faži milwiema u l-irkupru ta' gamma-CD mis-soluzzjoni permezz ta' kristallizzazzjoni.<br>Kristallin solidu abjad jew kważi abjad li huwa prattikament mingħajr riħa<br>Sinonimi: γ-ċiklodestrina, γ-destrina, ċikloottaamilożju, ċiklomaltoottaożju, γ-ċikloamilaži<br>Isem kimiku: Ċikloottaamilożju<br>Numru CAS: 17465-86-0<br>Formula kimika: $(C_6H_{10}O_5)_8$<br>Assaġġ: ≥ 98 % (bażi niexfa) |

| Ikel Ġdid Awtorizzat | Speċifikazzjonijiet |
|---|---|
| ▼M9 | **Identifikazzjoni:**<br>Medda tat-tidwib: Jiddekomponi f'temperatura ogħla minn 285 °C<br>Solubbiltà: Solubbli faċilment fl-ilma; solubbli kemxejn fl-etanol<br>Rotazzjoni speċifika: $[\alpha]_D^{25}$: bejn + 174 ° u + 180 ° (soluzzjoni ta' 1 %)<br>**Purità:**<br>Ilma: ≤ 11 %<br>Kumplessant residwu (8-ċikloeżadeċen-1-one (CHDC)): ≤ 4 mg/kg<br>Solvent residwu (n-dekan): ≤ 6 mg/kg<br>Sustanzi li jnaqqsu: ≤ 0,5 % (fl-għamla ta' glukożju)<br>Rmied issulfat: ≤ 0,1 % |
| ▼M21<br>**Iż-żerriegħa mqaxxra tad-*Digitaria exilis* (Kippist) Stapf (fonio)**<br>**(Ikel tradizzjonali minn pajjiż terz)** | **Deskrizzjoni/Definizzjoni**<br>L-ikel tradizzjonali huwa ż-żerriegħa mqaxxra (bin-nuħħala mneħħija) tad-*Digitaria exilis* (Kippist) Stapf.<br>Id-*Digitaria exilis* (Kippist) Stapf hija pjanta annwali erbaċea tal-familja *Poaceae*.<br>**Il-komponenti nutrittivi tipiċi taż-żerriegħa mqaxxra tal-fonio**<br>Karboidrati: 76,1 g/100 g ta' fonio<br>Ilma: 12,4 g/100 g ta' fonio<br>Proteina: 6,9 g/100 g ta' fonio<br>Xaħam: 1,2 g/100 g ta' fonio<br>Fibra: 2,2 g/100 g ta' fonio<br>Rmied: 1,2 g/100 g ta' fonio<br>Kontenut ta' fitat: ≤ 2,1 mg/g |
| ▼M9<br>**Preparazzjoni tad-destran prodotta mil-*Leuconostoc mesenteroides*** | 1. **Għamla ta' trab**:<br>Karboidrati: 60 % bi: (Destran: 50 %, Mannitol: 0,5 %, Fruttożju: 0,3 %, Lewkrożju: 9,2 %)<br>Proteina: 6,5 % |

▼M9

| Ikel Ġdid Awtorizzat | Speċifikazzjonijiet |
|---|---|
| | Lipidu: 0,5 %<br>Aċidu lattiku: 10 %<br>Etanol: traċċi<br>Rmied: 13 %<br>Ndewwa: 10 %<br>2. **Forma likwida:**<br>Karboidrati: 12 % bi: (Destran: 6,9 %, Mannitol: 1,1 %, Fruttożju: 1,9 %, Lewkrożju: 2,2 %)<br>Proteina: 2,0 %<br>Lipidu: 0,1 %<br>Aċidu lattiku: 2,0 %<br>Etanol: 0,5 %<br>Rmied: 3,4 %<br>Ndewwa: 80 % |
| **Żejt diaċiligliċerol li joriġina mill-pjanti** | **Deskrizzjoni/Definizzjoni:**<br>Magħmul mill-gliċerol u l-aċidi xaħmin miksuba miż-żjut veġetali li jittieklu, b'mod partikolari miż-żejt tal-fażola tas-sojja (*Glycine max*) jew miż-żejt tal-kolza (*Brassica campestris, Brassica napus*) bl-użu ta' enzima speċifika.<br>**Distribuzzjoni tal-Aċilgliċerol:**<br>Diaċilgliċeroli (DAG): ≥ 80 %<br>1,3-Diaċilgliċeroli (1,3-DAG): ≥ 50 %<br>Triaċilgliċeroli (TAG): ≤ 20 %<br>Monoaċilgliċeroli (MAG): ≤ 5,0 %<br>**Kompożizzjoni tal-Aċidi Xaħmin (MAG, DAG, TAG):**<br>Aċidu olejku (C18:1): 20-65 %<br>Aċidu linolejku (C18:2): 15-65 %<br>Aċidu linoleniku (C18:3): ≤ 15 %<br>Aċidi xaħmin saturati: ≤ 10 % |

▼M9

| Ikel Ġdid Awtorizzat | Speċifikazzjonijiet |
|---|---|
| | **Oħrajn**:<br>Valur aċiduż: ≤ 0,5 mg KOH/g<br>Ndewwa u volatilità: ≤ 0,1 %<br>Valur tal-perossidu (PV): ≤ 1.0 meq/kg<br>Materjal insaponifikabbli: ≤ 2,0 %<br>Aċidi xaħmin trans≤ 1,0 %<br>MAG = monoaċilgliċeroli, DAG = diaċigliċeroli, TAG = triaċigliċeroli |
| **Diidrokapsjat (DHC)** | **Deskrizzjoni/Definizzjoni:**<br>Id-diidrokapsjat huwa ssintesizzat bl-esterifikazzjoni kkatalizzata minn enzim tal-vanillil-alkoħol u tal-aċidu 8-metilnonanojku. Wara l-esterifikazzjoni, id-diidrokapsjat jiġi estratt bl-n-eżan.<br>Likwidu viskuż minn bla kulur sa isfar<br>Formula kimika: $C_{18}$ $H_{28}$ $O_4$<br>Nru CAS: 205687-03-2<br>**Karatteristiċi fiżikokimiċi:**<br>Diidrokapsjat: > 94 %<br>Aċidu 8-Metilnonanojku: < 6,0 %<br>Vanillil-alkoħol: < 1,0 %<br>Sustanzi oħrajn relatati mas-sinteżi: < 2,0 % |

▼M13

| | |
|---|---|
| **Il-partijiet esposti mnixxfin tal-*Hoodia parviflora*** | **Deskrizzjoni/Definizzjoni:**<br>Huma l-partijiet esposti mnixxfin tal-*Hoodia parviflora* N.E.Br. (familja *Apocynaceae*)<br>**Karatteristiċi/Kompożizzjoni**<br>Materjal veġetali: Il-partijiet esposti mnixxfin tal-pjanti ta' mill-inqas tliet snin<br>Dehra: Trab fin minn aħdar ċar għal kannella ċar<br>Solubbiltà (fl-ilma): > 25 mg/mL<br>Ndewwa: < 5,5 %<br>$A_w$: < 0,3 |

▼M13

| Ikel Ġdid Awtorizzat | Speċifikazzjonijiet |
|---|---|
| | pH: < 5,0<br>Proteina: < 4,5 g/100 g<br>Xaħam: < 3 g/100 g<br>Karboidrati (inkluża l-fibra): < 80 g/100 g<br>Fibra: < 55 g/100 g<br>Total taz-zokkor: < 10,5 g/100 g<br>Rmied: < 20 %<br>**Hoodigosides**<br>P57: 5–50 mg/kg<br>L: 1 000-6 000 mg/kg<br>O: 500-5 000 mg/kg<br>Total: 1 500-11 000 mg/kg<br>**Metalli tqal:**<br>Arseniku: < 1,00 mg/kg<br>Merkurju: < 0,1 mg/kg<br>Kadmju: < 0,1 mg/kg<br>Ċomb: < 0,5 mg/kg<br>**Kriterji mikrobijoloġiċi:**<br>L-għadd tal-kolonji aerobiċi: < $10^5$ CFU/g<br>*Escherichia coli*: < 10 CFU/g<br>*Staphylococcus aureus*: < 50 CFU/g<br>Koliformi totali: < 10 CFU/g<br>Ħmira: ≤ 100 CFU/g<br>Moffa: ≤ 100 CFU/g<br>Speċi tas-*Salmonella*: Negattiv/25 g<br>*Listeria monocytogenes*: Negattiv/25 g<br>CFU: Unitajiet li Jiffurmaw il-Kolonji |

▼M9

| Ikel Ġdid Awtorizzat | Speċifikazzjonijiet |
|---|---|
| **Estratt imnixxef mil-*Lippia citriodora* magħmul mill-kolturi taċ-ċelloli** | **Deskrizzjoni/Definizzjoni:**<br>Estratt imnixxef mil-*Lippia citriodora* (Palau) Kunth magħmul mill-kolturi taċ-ċelloli HTN®Vb. |
| **Estratt mill-kolturi taċ-ċelloli tal-*Echinacea angustifolia*** | **Deskrizzjoni/Definizzjoni:**<br>Estratt mill-għeruq tal-*Echinacea angustifolia* miksub minn koltura tat-tessut tal-pjanta li huwa sostanzjalment ekwivalenti għal estratt mill-għeruq tal-*Echinacea angustifolia* li jinkiseb fl-ilma-etanolu ttitrat għal 4 % ekinakożid. |
| **Estratt mill-kolturi taċ-ċelloli tal-*Echinacea purpurea*** | **Deskrizzjoni/Definizzjoni:**<br>Estratt imnixxef mill-*Echinacea purpurea* magħmul mill-kolturi taċ-ċelloli HTN®Vb |
| **Żejt tal-*Echium plantagineum*** | **Deskrizzjoni/Definizzjoni:**<br>Iż-żejt tal-Echium huwa l-prodott isfar ċar li jinkiseb permezz tal-irfinar taż-żejt estratt miż-żerriegħa tal-aċidu L. Stearidoniku tal-*Echium plantagineum*: ≥ 10 % w/w tat-total ta' aċidi xaħmin<br>Aċidi xaħmin trans: ≥ 2,0 % (piż skont il-piż tat-total ta' aċidi xaħmin)<br>Valur aċiduż: ≤ 0,6 mg KOH/g<br>Valur tal-perossidu (PV): ≤ 5,0 meq $O_2$/kg<br>Kontenut insaponifikabbli: ≤ 2,0 %<br>Kontenut ta' proteini (total ta' nitroġenu): ≤ 20 µg/ml<br>Alkalojdi pirroliżidiniċi: Mhux traċċabbli b'limitu ta' detezzjoni ta' 4,0 µg/kg |

▼M9

| Ikel Ġdid Awtorizzat | Speċifikazzjonijiet |
|---|---|
| ▼M18 | |
| **Idroliżat tal-membrana tal-bajd** | **Deskrizzjoni**<br>L-idroliżat tal-membrana tal-bajd huwa derivat mill-membrani tal-qxur tal-bajd ta' bajd tat-tiġieġ. Il-qxur tal-bajd jgħaddu minn separazzjoni idromekkanika sabiex jinkisbu l-membrani tal-bajd, li wara jkomplu jiġu pproċessati ulterjurment bl-użu tal-metodu ta' solubilizzazzjoni bi privattiva. Wara l-proċess ta' solubilizzazzjoni, is-soluzzjoni tiġi ffiltrata, ikkonċentrata, imnixxfa bl-atomizzazzjoni u mballata.<br>**Karatteristiċi/Kompożizzjoni**<br>**Parametri kimiċi** — **Metodi**<br>Total tal-komposti li fihom in-nitroġenu (% tal-piż skont il-piż): ≥ 88 — Kombustjoni skont AOAC 990.03 u AOAC 992.15<br>Kollaġen (% tal-piż skont il-piż): ≥ 15 — Sircol™ Assaġġ ta' Kollaġen Solubbli<br>Elastin (% tal-piż skont il-piż): ≥ 20 — Fastin™ Assaġġ ta' Elastin<br>Total ta' glikosamminoglikani (% tal-piż skont il-piż): ≥ 5 — USP26 (metodu tas-sulfat tal-kondrojtina K0032)<br>Kalċju: ≤ 1 %<br>**Parametri fiżiċi**<br>pH 6,5 – 7,6<br>Rmied (% tal-piż skont il-piż): ≤ 8<br>Ndewwa (% tal-piż skont il-piż): ≤ 9<br>Attività tal-ilma: ≤ 0,3<br>Solubbiltà (fl-ilma): solubbli<br>Densità tal-massa: ≥ 0,6 g/cc<br>**Metalli tqal**<br>Arseniku ≤ 0,5 mg/kg<br>**Kriterji mikrobijoloġiċi**<br>Għadd tal-kolonji aerobiċi: ≤ 2 500 CFU/g<br>*Escherichia coli*: ≤ 5 MPN/g<br>*Salmonella*: Negattiv (f'25 g)<br>Koliformi: ≤ 10 MPN/g<br>*Staphylococcus aureus*: ≤ 10 CFU/g<br>Għadd tal-ispori mežofili: ≤ 25 CFU/g<br>Għadd tal-ispori termofili: ≤ 10 CFU/10 g |

▼M18

| Ikel Ġdid Awtorizzat | Speċifikazzjonijiet |
|---|---|
| | Ħmira: ≤ 10 CFU/g<br>Moffa: ≤ 200 CFU/g<br>CFU: Colony Forming Units (Unitajiet li Jiffurmaw il-Kolonji); MPN = Most Probable Number (Numru l-Iktar Probabbli); USP: United States Pharmacopeia (Farmakopea tal-Istati Uniti). |

▼M9

| | |
|---|---|
| **Gallat tal-epigallokatekina fl-għamla ta' estratt ippurifikat mill-weraq tat-tè aħdar (*Camellia sinensis*)** | **Deskrizzjoni/Definizzjoni:**<br>Estratt mill-weraq tat-tè aħdar (*Camellia sinensis L. Kuntze*) ippurifikat sew fl-għamla ta' trab fin ta' kulur bejn abjad miksur u roża ċar. Dan huwa magħmul minn minimu ta' 90 % ta' gallat tal-epigallo-katekina (EGCG), u l-punt tat-tidwib tiegħu huwa bejn madwar 210 °C u 215 °C<br>Dehra: trab ta' kulur bejn abjad miksur u roża ċar<br>Isem kimiku: polifenol (-) 3-gallat tal-epigallo-katekina<br>Sinonimi: gallat tal-epigallo-katekina (EGCG)<br>Nru CAS: 989-51-5<br>Isem INCI: gallat tal-epigallo-katekina<br>Massa molekolari: 458,4 g/mol<br>Telf mat-tnixxif: massimu ta' 5,0 %<br>**Metalli tqal:**<br>Arseniku: Massimu ta' 3,0 ppm<br>Ċomb: Massimu ta' 5,0 ppm<br>**Assaġġ**:<br>Minimu ta' 94 % EGCG (fuq materjal niexef)<br>massimu ta' 0,1 % kafeina<br>Solubbiltà: L-EGCG huwa pjuttost solubbli fl-ilma, fl-etanol, fil-metanol u fl-aċeton |
| **L-ergotijoneina** | **Definizzjoni**<br>Isem kimiku (IUPAC): (2S)-3-(2-tiosso-2,3-diidru-1*H*-imidażol-4-il)-2-(trimetilammonju)-Propanoat<br>Formula kimika: $C_9H_{15}N_3O_2S$<br>Massa molekolari: 229,3 Da<br>Nru CAS: 497-30-3 |

| *Parametru* | *Speċifikazzjoni* | *Metodu* |
|---|---|---|
| Dehra | Trab abjad | Viżiv |
| Rotazzjoni ottika | $[\alpha]_D \geq (+)\ 122°$ (c = 1, $H_2O$)[a)] | Polarimetrija |

▼M9

| Ikel Ġdid Awtorizzat | Speċifikazzjonijiet | | |
|---|---|---|---|
| | Purità kimika | < 99,5 %<br>< 99,0 % | HPLC [Eur. Ph. 2.2.29]<br>1H-NMR |
| | Identifikazzjoni | Konformi mal-istruttura<br>C: 47,14 ± 0,4 %<br>H: 6,59 ± 0,4 %<br>N: 18,32 ± 0,4 % | 1H-NMR<br>Analiżi elementali |
| | Solventi residwi totali<br>(metanol, aċetat etiliku, isopropanol, etanol) | [Eur. Ph. 01/2008:50400]<br>< 1 000 ppm | Kromatografija b'faża gassuża<br>[Eur. Ph. 01/2008:20424] |
| | Telf fit-tnixxif | Standard intern < 0,5 % | [Eur. Ph. 01/2008:20232] |
| | Impuritajiet | < 0,8 % | HPLC/GPC jew 1H-NMR |
| | **Metalli tqal**[b) c)] | | |
| | Ċomb | < 3,0 ppm | ICP/AES |
| | Kadmju | < 1,0 ppm | (Pb, Cd) |
| | Merkurju | < 0,1 ppm | Fluworexxenza atomika (Hg) |
| | **Speċifikazzjonijiet mikrobijoloġiċi**[b)] | | |
| | Għadd totali ta' batterji aerobiċi vijabbli (TVAC) | ≤ 1 x $10^3$ CFU/g | [Eur. Ph. 01/2011:50104] |
| | Għadd totali tal-ħmira u tal-moffa (TYMC) | ≤ 1 x $10^2$ CFU/g | |
| | *Escherichia coli* | Assenti f'1 g | |

▼M9

| Ikel Ġdid Awtorizzat | Speċifikazzjonijiet |
|---|---|
| | Eur. Ph.: Farmakopea Ewropea; 1H-NMR: reżonanza manjetika nukleari protonika; HPLC: kromatografija likwida ta' prestazzjoni għolja; GPC: kromatografija permezz ta' ġell permeabbli; ICP/AES: Spettrometrija tal-emissjoni atomika bi plażma akkoppjata induttivament;<br>CFU: unitajiet li jifformaw kolonji.<br>(a) Lit. $[\alpha]_D$ = (+) 126,6° (c = 1, $H_2O$)<br>(b) Analiżi mwettqa fuq kull lott<br>(c) Livelli massimi skont ir-Regolament (KE) Nru 1881/2006 |
| **EDTA tas-sodju ferriku** | **Deskrizzjoni/Definizzjoni:**<br>L-EDTA ferriku tas-sodju (aċidu etilendiamminatetraaċetiku) huwa trab minn isfar għal kannella, ġieri, mingħajr riħa, b'puritá kimika ta' aktar minn 99 % (w/w). Huwa solubbli fl-ilma.<br>Formula kimika: $C_{10}H_{12}FeN_2NaO_8$ * $3H_2O$<br>Karatteristiċi kimiċi:<br>pH ta' soluzzjoni ta' 1 %: 3,5-5,5<br>Ħadid: 12,5-13,5 %<br>Sodju: 5,5 %<br>Ilma: 12,8 %<br>Materja organika (CHNO): 68,4 %<br>EDTA: 65,5-70,5 %<br>Materjal insolubbli fl-ilma: ≤ 0,1 %<br>Aċidu nitrilo triaċetiku: ≤ 0,1 % |
| **Fosfat ferruż tal-ammonju** | **Deskrizzjoni/Definizzjoni:**<br>Il-Fosfat ferruż tal-ammonju huwa trab fin u griż jagħti fl-aħdar u insolubbli fl-ilma iżda solubbli fl-aċidi minerali miżjudin bl-ilma.<br>Nru CAS: 10101-60-7<br>Formula kimika: $FeNH_4PO_4$<br>Karatteristiċi kimiċi:<br>pH ta' 5 % sospensjoni fl-ilma: 6,8-7,8<br>Ħadid (total): ≥ 28 % |

▼M9

| Ikel Ġdid Awtorizzat | Speċifikazzjonijiet |
|---|---|
| | Ħadid (II): 22-30 % (w/w)<br>Ħadid (III): ≤ 7,0 % (w/w)<br>Ammonja: 5-9 % (w/w)<br>Ilma: ≤ 3,0 % |
| **Peptidi tal-ħut mis-*Sardinops sagax*** | **Deskrizzjoni/Definizzjoni:**<br>L-ingredjent ta' ikel ġdid huwa taħlita peptidika, li tinkiseb minn idroliżi alkalina katalizzata minn proteażi ta' muskolu tal-ħut (*Sardinops sagax*), l-iżolament sussegwenti tal-frazzjoni peptidika bil-kromatografija b'kolonna, il-konċentrazzjoni taħt vakwu u tnixxif bl-isprej.<br>Trab abjad safrani<br>Peptidi [1] (peptidi b'katina qasira, dipeptidi u tripeptidi b'piż molekulari ta' inqas minn 2 kDa): ≥ 85 g/100 g<br>Val-Tyr (dipeptid): 0,1-0,16 g/100 g<br>Rmied: ≥ 10 g/100 g<br>Ndewwa: ≥ 8 g/100 g<br>[1] Metodu Kjeldahl |
| **Flavonojdi mill-*Glycyrrhiza glabra*** | **Deskrizzjoni/Definizzjoni:**<br>Il-flavonojdi li ġejjin mill-għeruq jew mis-salvaġġ tal-*Glycyrrhiza glabra* L. huma estratti bl-etanol segwit minn estrazzjoni ulterjuri ta' dan l-estratt etanoliku bit-trigliċeridi b'katina medja. Huwa likwidu ta' lewn kannella skur li jinkludi bejn 2,5 % u 3,5 % ta' glabridina.<br>Ndewwa: < 0,5 %<br>Rmied: < 0,1 %<br>Valur tal-perossidu (PV): < 0,5 meq/kg<br>Glabridina: 2,5-3,5 % ta' xaħam<br>Aċidu gliċirriżiniku: < 0,005 %<br>Xaħam, inkluż is-sustanzi tat-tip polifenol: ≥ 99 %<br>Proteina: < 0,1 %<br>Karboidrati: mhux traċċabbli |
| **Estratt tal-fukojdan mill-alga *Fucus vesiculosus*** | **Deskrizzjoni/Definizzjoni:**<br>Il-fukojdan mill-alga *Fucus vesiculosus* huwa estratt permezz ta' estrazzjoni milwiema f'soluzzjoni aċida u bi proċessi filtranti mingħajr l-użu ta' solventi organiċi. L-estratt li jinkiseb jiġi kkonċentrat u jitnixxef biex jagħti estratt ta' fukojdan bl-ispeċifikazzjonijiet li ġejjin: |

▼M9

| Ikel Ġdid Awtorizzat | Speċifikazzjonijiet |
|---|---|
| | Trab b'kulur abjad miksur għal kannella<br>Riħa u Togħma: Riħa u togħma newtrali<br>Ndewwa: < 10 % (105 °C għal sagħtejn)<br>Valur tal-pH: 4,0-7,0 (sospensjoni ta' 1 % f'25 °C)<br>**Metalli tqal:**<br>Arseniku (inorganiku): < 1,0 ppm<br>Kadmju: < 3,0 ppm<br>Ċomb: < 2,0 ppm<br>Merkurju: < 1,0 ppm |
| | **Kriterji mikrobijoloġiċi:**<br>Għadd mikrobjali aerobiku totali: < 10 000 CFU/g<br>Ammont ta' ħmira u moffa: < 100 CFU/g<br>Għadd totali ta' enterobatterji: Assenza/g<br>*Escherichia coli*: Assenza/g<br>*Salmonella*: Assenti f'10 g<br>*Staphylococcus aureus*: Assenza/g<br>Il-kompożizzjoni ta' żewġ tipi ta' estratti awtorizzati abbażi tal-livell ta' fukojdan:<br>*Estratt 1:*<br>Fukojdan: 75-95 %<br>Alġinat: 2,0-5,5 %<br>Polifloroglukinol: 0,5-15 %<br>Mannitol: 1-5 %<br>Melħ naturali/Minerali Liberi: 0,5-2,5 %<br>Karboidrati oħrajn: 0,5-1,0 %<br>Proteina: 2,0-2,5 %<br>*Estratt 2:*<br>Fukojdan: 60-65 % |

▼M9

| Ikel Ġdid Awtorizzat | Speċifikazzjonijiet |
|---|---|
| | Alġinat: 3,0-6,0 %<br>Polifloroglukinol: 20-30 %<br>Mannitol: < 1,0 %<br>Melħ naturali/Minerali Liberi: 0,5-2,0 %<br>Karboidrati oħrajn: 0,5-2,0 %<br>Proteina: 2,0-2,5 % |
| **Estratt tal-fukojdan mill-alga *Undaria pinnatifida*** | **Deskrizzjoni/Definizzjoni:**<br>Il-fukojdan mill-alga *Undaria pinnatifida* jinkiseb b'estrazzjoni milwiema f'soluzzjoni aċida u bi proċessi filtranti mingħajr l-użu ta' solventi organiċi. L-estratt li jinkiseb jiġi kkonċentrat u jitnixxef biex jagħti estratt ta' fukojdan bl-ispeċifikazzjonijiet li ġejjin:<br>Trab b'kulur abjad miksur għal kannella<br>Riħa u Togħma: Riħa u togħma newtrali<br>Ndewwa: < 10 % (105 °C għal sagħtejn)<br>Valur tal-pH: 4,0-7,0 (sospensjoni ta' 1 % f'25 °C)<br>**Metalli tqal:**<br>Arseniku (inorganiku): < 1,0 ppm<br>Kadmju: < 3,0 ppm<br>Ċomb: < 2,0 ppm<br>Merkurju: < 1,0 ppm<br>**Mikrobijoloġija:**<br>Għadd mikrobjali aerobiku totali: < 10 000 CFU/g<br>Ammont ta' ħmira u moffa: < 100 CFU/g<br>Għadd totali ta' enterobatterji: Assenza/g<br>*Escherichia coli*: Assenza/g<br>*Salmonella*: Assenti f'10 g<br>*Staphylococcus aureus*: Assenza/g<br>Il-kompożizzjoni ta' żewġ tipi ta' estratti awtorizzati abbażi tal-livell ta' fukojdan:<br>*Estratt 1:*<br>Fukojdan: 75-95 %<br>Alġinat: 2,0-6,5 % |

▼M9

| Ikel Ġdid Awtorizzat | Speċifikazzjonijiet |
|---|---|
| | Polifloroglukinol: 0,5-3,0 %<br>Mannitol: 1-10 %<br>Melħ naturali/Minerali Liberi: 0,5-1,0 %<br>Karboidrati oħrajn: 0,5-2,0 %<br>Proteina: 2,0-2,5 %<br>*Estratt 2:*<br>Fukojdan: 50-55 %<br>Alġinat: 2,0-4,0 %<br>Polifloroglukinol: 1,0-3,0 %<br>Mannitol: 25-35 %<br>Melħ naturali/Minerali Liberi: 8-10 %<br>Karboidrati oħrajn: 0,5-2,0 %<br>Proteina: 1,0-1,5 % |
| **2′-Fukosillattożju (sintetiku)** | **Definizzjoni**:<br>Isem kimiku: α-L-Fukopiranosil-(1→2)-β-D-galattopiranosil-(1→4)- D-glukopiranożju<br>Formula kimika: $C_{18}H_{32}O_{15}$<br>Nru CAS: 41263-94-9<br>Piż molekulari: 488,44 g/mol<br>**Deskrizzjoni:**<br>2′-Fukosillattożju huwa trab ta' lewn abjad għal abjad miksur li jiġi prodott permezz ta' proċess ta' sinteżi kimika.<br>**Purità:**<br>2′-Fukosillattożju: ≥ 95 %<br>D-Lattożju: ≤ 1,0 w/w %<br>L-Fukożju: ≤ 1,0 w/w %<br>Isomeri tad-difukosil-D-lattożju: ≤ 1,0 w/w %<br>2′-Fukosil-D-lattulożju: ≤ 0,6 w/w %<br>pH (20 °C, soluzzjoni ta' 5 %): 3,2-7,0<br>Ilma (%): ≤ 9,0 %<br>Rmied, issulfat: ≤ 0,2 % |

▼M9

| Ikel Ġdid Awtorizzat | Speċifikazzjonijiet | |
|---|---|---|
